**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Novembru, 2017**

Numru 2

**Rikors Nru. 465/2014**

**Joseph Mary Fenech bhala mandatarju specjali**
**ta' Malek A. Wefati**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' John Mary Fenech tad-29 ta' Mejju, 2014 a tenur tal-artikoli 72 et seq. tal-Kap. 37 u l-artikolu 28 tal-Kap. 382 li jghid hekk:

Illi l-esponenti nomine gie debitament awtorizzat permezz ta' prokura specjali datata 13 ta' Mejju 2014 minn Malek A. Wefati li ghandu l-passaport Libjan nr. 526568-2013 sabiex jintavola dan ir-rikors promotur ghan-nom u in raprezentanza tal-imsemmi Malek A. Wefati kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi l-esponenti nomine huwa s-sid tal-bastiment MV MORINA li huwa registrat gewwa l-Port ta' Tripoli, fil-Libya, u jgib in-numru tar-registrazzjoni 239 u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. "B";

Illi fil-fehma tad-Direttur Generali (Dwana) il-valur adegwat tal-imsemmi bastiment huwa ta' ewro mitejn elf (ewro 200,000) skont email mibghuta lill-avukat sottoskritt mis-Sur Joseph Borg, dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "C";

Illi allegatament, waqt illi l-imsemmi bastiment kien hawn Malta fil-pussess u/jew taht il-kontroll tal-Kaptan Jamal A. Tajoari gie kommess att kriminali minn wiehed mill-membri tal-ekwipagg u cioe, Elbourawi Mohamed Fathi, li jikkonsisti fost affarijiet

ohra fi ksur tal-artikolu 60 tal-Kaptiolu 37 u l-artikoli 16 tal-kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in kwantu allegatament instab kwantita ta' sigaretti fl-istess bastiment li fuqu allegatament ma kienx thallas dazju jew taxxa dovuta;

Illi matul l-esekuzzjoni ta' dana l-allegat att kriminali, allegatament qed jinghad illi ntuza l-bastiment hawn fuq imsemmi, proprjeta tal-esponenti;

Illi b'konsegwenza ta' dan, fil-11 ta' Mejju 2014, l-intimat qabad l-imsemmija bastiment li jgib numru tar-registrazzjoni 239 permezz ta' nota ta' qbid numru 22/2014, kopja tan-nota ta' qbid qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument "D";

Illi l-esponent nomine debitament avza lill-intimat illi kien ser jitlob u kien bhala fatt qieghed jitlob ir-rilaxx tal-bastiment fuq imsemmi u dana permezz ta' ittra legali datata 13 ta' Mejju 2014 kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "E";

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pullzija rrizulta li kemm sid il-bastiment kif wkoll il-Kaptan tal-bastiment ma kienux involuti fil-kummissjoni ta' dan l-att kriminali u l-allegat ksur seta' sar biss minn terzi klandestinament kif spjegat aktar il-fuq minghajr partecipazzjoni, konoxxenza jew gharfien la dirett u lanqas indirett da parti taghhom previst u kontemplat mil-ligi;

Illi fis-seduta li nzammet fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2014 fil-process kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Elbourawi Mohamed Fathi, l-imputat f'dawk il-proceduri kriminali rregistra ammissjoni fir-rigward tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu;

Illi inoltre ma jirrizultax illi hemm bzonn illi l-bastiment jibqa' taht il-kustodja tal-intimat in kwantu l-imsemmi bastiment huwa oggett separat u distint mis-sigaretti allegatament misjuba fih, liema sigaretti ghandhom wkoll ezistenza indipendenti mill-bastiment li allegatament kienu fih;

Illi b'konsegwenza tal-agir ta' terzi l-esponenti nomine qieghed jigi mcahhad mill-proprjeta tieghu u kawza tal-agir ta' terzi qieghed isofri danni ingenti ghaliex ma jistax jaghmel uzu mill-bastiment tieghu li huwa awtorizzat mill-Gvern Libjan sabiex f'dan l-istagun ikun jista' jistad ghat-tonn;

Illi peress illi l-esponenti nomine ma kellu ebda involvement fi u ma kienx a konoxxenza tal-allegat att kriminali u wisq anqas awtorizza jew inkariga lil terzi sabiex allegatament jezegwixxu xi att kriminali permezz tal-imsemmi bastiment, l-esponenti nomine ma ghandux jehel il-piena tal-konfiska aktar u aktar meta f'dan il-kaz irrizulta lil Pulizija li l-kaptan tal-bastiment bhala l-persuna nkarigata minn sid il-bastiment sabiex jippjana u jezegwixxi vjagg marittimu ma kellu l-ebda involviment fi u/jew konoxxenza tal-allegat att kriminali. L-allegat att kriminali sar bil-mohbi u minn wara dahar il-kaptan tal-bastiment, sid il-bastiment u membru iehor tal-ekwipagg;

Illi ghaldaqstant hija l-umli fehma tal-esponenti nomine illi l-bastiment bin-numru tar-registrazzjoni 239 ghandu jigi rilaxxat u ritornat lill-esponenti nomine;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna l-helsien ossija rilaxx tal-bastiment MV "MORINA" li huwa registrat gewwa l-Port ta' Tripoli, Libja, u jgib in-numru tar-registrazzjoni 239 proprejta tal-esponenti nomine; u

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur Generali (Dwana) jikkonsenja l-bastiment MV "MORINA" lill-esponenti u jawtorizza lill-esponenti jiehu pussess tal-istess bastiment;

Bl-ispjjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, il-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ezawrit stante li l-lancja MV Morina hija llum konfiskata b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Gunju, 2014 li hi res judicata u ghalhekk l-istess garanzija bankarja li inghatat b'sostituzzjoni tal-lancja in kwistjoni ma ghadhiex proprjeta tar-rikorrent u dan skont id-dokurrienti hawn annessi u immarkati bhala DOK. DG u DOK. DG 1 rispettivament;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3. Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:
-Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 22/2014, fil-11 ta' Mejju 2014 l-esponent qabad il-lancja MORINA registrata f'Tripoli bin-numru ta' registrazzjoni IM008661264, fejn instabu fuqha gewwa bokka accessibbli ghal kulhadd ammont konsiderevoli ta' sigaretti sdazjati, precisament fil-parti ta' quddiem tal-istess lancja. Illi s-sigaretti sdazjati kienu jikkonsistu fis-segwenti :
-451 kartuna b'200 sigarett kull kartuna TRADITION;
-Kartuna b'200 sigarett AMERICAN LEGEND;
-Kartuna b'200 sigarett BUSINESS ROYALS;
-2 Kartuniet b'200 sigarett kull kartuna MARLBORO GOLD

Li komplessivament jammontaw ghal iktar minn €20,000 ghoxrin elf ewro f'evazjoni ta' dazji u taxxi a skapitu tar-erarju pubbliku. Illi effettivament jirrizulta lill-esponent li l-imsemmija sigaretti sdazjati ma kienux iddikjarati mill-kaptan fil-prattka u dan bi ksur tal-artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37 u tal-artikoli 17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

-Illi pendenti l-proceduri gudizzjarji, il-lancja MORINA giet sostitwita b'garanzija bankarja ta' €200,000 ai termini tal-Kap. 37 u fil-prezent l-imsemmija garanzija hija konfiskata;

4. Illi ghandu jigi iccarat li l-imsemmija lancja MV MORINA hija illum konfiskata skont id-decizjoni tat-2 ta' Gunju 2014 tal-Magistrat Ian Farrugia li hija finali, fejn l-Onorabbli Qorti ordnat il-konfiska tal-imsemmija lancja, fost affarijiet ohra, wara li gie skopert mill-ufficjali tal-Dwana dan in-negozju illegali minn fuq l-imsemmija lancja li kienet f'Palumbo Ship Yard ghal fuq l-art;

5. Illi l-argument tar-rikorrent li 'b'konsegwenza ta' terzi l-esponent nomine qieghed jigi mcahhad mill-proprjeta tieghu' huwa insostenibbli stante l-artikolu 68 tal-Kap. 37 huwa car li l-mezz tal-garr li intuza sabiex jimporta oggetti sdazjati hawn Malta, ghandu jigi konfiskat flimkien mal-istess oggetti li gew mistura go fih. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrent huma ghal kollox insostenibbli;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob IiI din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan anke minhabba l-fatt li garanzija bankarja inghatat in sostituzzjoni tal-istess lancja in kwistjoni hija diga konfiskata b'ordni tal-Qorti; bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta’ sid il-bastiment MV Morina li gie maqbud mid-Dwana wara sejbien ta’ 455 kartuna sigaretti fuq l-istess lanca tas-sajd li fuqhom ma kinitx thallset it-taxxa tas-sisa meta dan dahal f’Malta fit-28 ta’ April 2014. Dan il-qbid sar ghax in kontravenzjoni tal-artikoli 60(a), (b), (c), (k), 62(a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (j) (k), paragrafu (a) tal-proviso tal-artikoli 62, 68(1), 69(1), (2) tal-Kap. 37 cioe l-Ordinanza tad-Dwana u artikoli 16(i), (j) (k), 17(1)(a), (d) u 17(2) tal-Kap. 382 cioe l-Att dwar Dazju tas-Sisa. Dan il-qbid qed jigi kontestat mis-sid tal-lanca billi jsostni li ma kienx konsapevoli bl-ezistenza ta’ dawn is-sigaretti li ma gewx dikjarati fid-dokument li jigi rilaxxat lid-Dwana. Id-dokument tad-Dwana fejn jirrizulta li dawn is-sigaretti ma gewx dikjarati (Dok. CA1 fol. 220 tal-process) imtela’ mill-agent tal-vapur cioe Joseph Mary Fenech f’isem Salina Aquakultura Limited fuq informazzjoni moghtija mill-kaptan tal-lanca meta dahlet f’Malta (ara xiehda ta’ Joseph Mary Fenech fol. 134 tal-process).

Jirrizulta li dan il-qbid sar wara informazzjoni ricevuta mill-pulizija u/jew id-Dwana li kien qed isir bejgh b’kuntrabandu ta’ sigaretti mill-facilitajiet ta’ Palumbo fejn kien sorgut il-bastiment. Saret operazzjoni kongunta mid-Dwana u l-pulizija fil-11 ta’ Mejju 2014 fejn gie intercettat negozju li kien ghadu kif sehh bejn wiehed mill-membri tal-ekwipagg tal-bastiment MV Morina cioe Mohammed Elbourawi u terz li gie mharrek

separatament. Wara din l-intercettazzjoni barra l-gate tal-Palumbo, il-fizjali tad-Dwana telghu fuq il-bastiment fejn sabu kwantita ta' kartun tas-sigaretti li ma gewx dikjarati u li fuqhom ma kienx thallas dazju. Elbourawi ammetta li kien hu l-parti involuta f'dan il-kuntrabandu u illi l-kaptan ma kienx jaf b'dan (ara sentenza tal-Qorti Il-Pulizija vs Mohamed Elbourawi, decizja fit-2 ta' Gunju 2014 fol. 19 et seq. tal-process). Fuq il-bastiment kien hemm il-kaptan li dak il-hin kien rieqed izda gie mqajjem, u membru iehor barrani tal-ekwipagg. Ebda investigazzjoni ulterjuri jew azzjoni legali ma ttiehdet kontra dawn il-persuni minhabba l-ammissjoni ta' Elbourawi.

Jirrizulta illi dawn is-sigaretti instabu f'kamra zghira fuq in-naha ta' quddiem tal-bastiment gewwa fil-bastiment. Jidher mill-kontroezami li sar tal-ufficjali tad-Dwana li investigaw il-kaz, illi dawn il-pakketti sigaretti kienu f'toqba fil-hajt liema toqba kienet miftuha u accessibbli. Ma kinitx mghottija u fuq domandi tal-Qorti ma kienx jidher li hemm xi ghatu biex jinhbew dawn il-pakketti.

Sid il-bastiment issostni li ma kienx jaf b'dan il-kuntrabandu u illi kellu kull fiducja fil-kaptan li kien ilu mpjegat maghhom. Zied li l-kaptan kien rieqed u tqajjem meta kienet qed issir it-tfittxija mill-ufficjali tad-Dwana u s-sigaretti nstabu fi spjazju wara shower li support kien mghotti. Dan is-shower hu biswit il-kamra tal-ikel. Il-kaptan infurmah li ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dawn is-sigaretti u x-xhud ma kellux ragun ghalfejn jiddubitah. L-impjegat Elbourawi tkecca mill-impjieg.

Jirrizulta illi wara l-qbid tal-bastiment, saret din il-kawza biex jintalab ir-rilaxx tal-bastiment u dan peress illi l-att kriminuz sar minn membru tal-ekwipagg tal-bastiment MV Morina minghajr il-konoxxenza tas-sid u l-kaptan li qatt ma gew interrogati jew mxlija b'xi att kriminali.

Jirrizulta illi bis-sentenza tat-2 ta' Gunju 2014, oltre l-piena moghtija lil Elbourawi, saret ukoll il-konfiska ta' €200,000 li giet depozitata minn sid il-bastiment flok il-bastiment li gie rilaxxat lis-sid. Il-kawza kienet giet prezentata qabel saret il-garanzija. Il-Qorti ma tqis li dan ghandu jkun ostakolu ghal din il-kawza billi dak li qed jintalab hu l-ekwivalenti tal-bastiment maqbud cioe l-valur tieghu u kwindi l-mertu tat-

talba baqa' l-istess. Il-Qorti ghandha d-dritt taghti rimedju per ekwipollens (ara **Angelo Cutajar et vs Alfred Piteri et**, App 24/06/2011).

**Eccezzjoni ta' res judicata**

Il-konvenut jsostni illi la darba saret il-konfiska tal-garanzija, il-mertu tal-azzjoni hu ezawrit. Din il-Qorti ma tqis li din l-eccezzjoni hi valida. L-eccezzjoni tar-res judicata trid fost elementi ohra li l-vertenza tkun gia inqatghet bejn l-istess partijiet. Hu car illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet kontra membru tal-ekwipagg, mhux is-sid tal-bastiment kif inhi din il-kawza. In oltre l-Qorti ma tqis li proceduri civili bhal dawn jistghu jkunu ta' pregudizzju ghas-sid li l-ligi stess taghtih il-jedd li jadixxi din il-Qorti biex jigi ritornat lura oggett li ttiehed minn ghandu bla jedd.

**Konsiderazzjonijiet legali fuq il-mertu**

Il-parametri legali ta' din l-azzjoni gew enuncjati b'mod approfondit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana**, (29/01/2016):

> Il-materja in ezami hija regolata bl-imsemmi Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, li jipprovdi:
> "68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' ġarr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeġ ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, **fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suġġetti ghal konfiska ghandhom jiġu kkonfiskati**:
> Izda, ebda bastiment ma jkun suġġett ghal konfiska taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u hamsin tunnellata." (enfasi mizjud).
>
> Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "suggetti ghall-konfiska" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja.
>
> Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:
> "Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "**Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana**" tibqa' wahda valevoli. A

propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana** - deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005.

Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana**:
"Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "**Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:
"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l- operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies ohrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija wahda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjeta`rju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fis-27 ta' Frar, 2003"."

... quddiem il-Qorti Civili, ladarba r-rikorrent qieghed jattakka l-hrug tan-Nota ta' Qbid, sta ghalih li jgib il-prova mehtiega sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq il-bazi ta' probabbilita` dwar jekk il-Kontrollur intimat kienx gustifikat li johrog in-nota kontestata u dan a bazi tal-ligi tad-dwana fuq il-konsiderazzjoni wahdanija dwar jekk il-mezz ta' garr intuzax xjentement sabiex fost affarijiet ohra, jingarru, jinzammu jew jinhbew oggetti li fuqhom ma thallasx id-dazju.

Inoltre l-Artikolu 72 (2) tal-Kap.37, jistabilixxi li l-procedimenti ghat-talba sabiex il-hwejjeg maqbuda jintraddu lura ghandha ssir quddiem il-Qorti civili kompetenti. Hawnhekk terga ssir referenza ghas-sentenza gia` kwotata fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe. v. Kontrollur tad-Dwana** fejn fir-rigward jinghad ukoll: "L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu,

u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll tal-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova tal-ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil-prosekuzzjoni li tipprova u ssostni . Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)".

Applikati dawn il-principji ghal fatti l-Qorti tqis illi l-attur ma skarikax ruhu mill-oneru tal-prova li kellu jgib ta' nuqqas ta' xjenza li min ghamel uzu mill-lanca ghal garr tas-sigaretti sdazjati ma kellux ix-xjenza li jsemmi l-artikolu 68.

Jibda biex jinghad illi t-timbru tad-dikjarazzjoni doganali saret mill-agent tal-bastiment fuq informazzjoni li jkun tah il-kaptan. Sid il-bastiment, fix-xiehda tieghu jammetti li r-responsabilta tal-bastiment u kull ma jigri fuqha hi fdata f'idejn il-kaptan (ara fol. 228 tal-process). Hu indubitat illi wiehed mill-membri tal-ekwipagg kellu kwantita kbira ta' sigaretti fuq il-bastiment bla dazju mhallas u nqabad ukoll jipprova jbiegh parti mill-istess sigaretti. Dawn is-sigaretti kienu fuq il-bastiment f'post accessibbli kif jirrizulta mix-xhieda. Kif inhu pacifku mill-gurisprudenza ikkwotata, ix-xjenza tal-kaptan jew is-sid ma ghandhiex rilevanza ghall-skop tal-qbid u eventwali konfiska skond il-ligi. Dak li jrid jigi pruvat minn min qed jikkontesta l-qbid hu n-nuqqas ta' xjenza tal-utent li allegatament abbuza minn hwejjeg is-sid tal-bastiment. Din il-prova bl-ebda mod ma saret u lanqas setghet issir meta l-istess membru tal-ekwipagg ammetta dak il-hin tal-arrest u waqt il-kawza l-akkuzi migjuba kontrih. Lanqas ma hu ta' importanza li l-kaptan u s-sid tal-bastiment ma gewx interrogati jew akkuzati. Kif intqal ix-xjenza taghhom dwar dak li kien qed isehh hi res inter alios acta l-poter tad-direttur tad-

Dwana li jaffettwa qbid fejn ikun hemm oggetti fuq bastiment li ma tkunx thallset id-dazju fuqhom.

Il-ligi hi cara u l-interpretazzjoni tal-Qrati hi skjetta fuq ir-responsabilta naxxenti minn stat ta' fatt kif jirrizuta f'din il-kawza. L-attur ma gab ebda prova ta' nuqqas ta' xjenza kif trid il-ligi u ghalhekk irid jissottometti ruhu ghal konsegwenzi li timponi l-ligi.

Il-Qorti tirreferi ghal xi punti mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma ghandux ragun isostni li n-nota ta' qbid ma tirriflettix in-normi sostantivi invokati biex jiggustifika l-qbid. Dan hu loghob bil-kliem. Bizzejjed jinghad li l-artikolu 68(1) wahdu msemmi fin-nota hu artikolu procedurali u sostantiv fl-istess hin kif jinqara b'mod car l-istess artikolu. In kwantu ghal ksur ta' dispozizzjonijiet sostantivi bhal artikllu 64 tal-istess ligi, tali referenza hi irrilevanti ghal fini ta' din il-kawza billi z-zewg artikoli jipprospettaw sitwazzjonijiet u konsegwenzi differenti. In kwantu ghal fatt illi gie allegat li ma jirrzultax li l-kaptan ghamel dikjarazzjoni skorretta kif trid il-ligi billi d-dokumenti tad-Dwana gew ittimbrati mill-agent tal-vapur, il-Qorti tirrileva illi x-xhieda tal-agent hi fis-sens li hu l-agent tal-bastiment u l-kaptan ikun ghaddielu l-informazzjoni. Ir-rikorrent li fuqu tinkombi l-prova kuntrarja ma gabx prova li tikkontrobatti dan. L-agent tal-lanca f'dan il-kaz hu l-mandatarju tas-sid kif irid l-artikolu 51(1) tal-Kap. 37 u s-sid fl-ebda hin ma oggezzjona ghall-operat tal-mandatarju u l-anqas il-kaptan ma wera xi oppozizzjoni ghad-dikjarazzjoni maghmula.

In kwantu ghall-argument tar-rikorrent li ma ngiebet ebda prova ai termini tal-artikolu 6 ikkwotat mix-xhud tad-dwana li kien hemm dikjarazzjoni jew deskrizzjoni skorretta da parti tal-kaptan skond artikolu 6(5) u in ogni kaz mhux kull dikjarazzjoni skorretta hi falza kif ukoll li jekk il-kaptan u s-sid ma kienux jafu bis-sigaretti qatt ma seta' jkun hemm l-element intenzjonali rikjest dan ukoll fil-fehma tal-Qorti hu loghob bil-kliem. L-artikolu 6(6) jirreferi wkoll ghal merkanzija mhux dikjarata bla ebda kjarifika oltre u l-artikolu 68 imbaghad jimponi s-sanzjoni ghal dan in-nuqqas li jkun sar bi xjenza ta' min ikun fil-fatt garr jew heba l-oggetti sdazjati. Ix-xjenza o meno tal-kaptan hi irrelevanti ghal finijiet tal-artikolu 68 kif gia nghad u kull referenza ghax-xjenza o meno tieghu maghmula mir-rikorrent ma jwassal ghal ebda helsien mill-konsegwenzi

tal-ligi. Il-Qorti pero ma tistax ma tqis illi issibha ferm sorprendenti kif il-kaptan ma kien jaf xejn meta l-ammont konsiderevoli ta' sigaretti konsideravoli li instabu kienu go toqba fil-hajt ta' kamra accessibbli f'kuridur tal-lanca, liema toqba ta' circa nofs metru lanqas kienet mghottija. Jekk verament il-kaptan ma kienx konoxxenti tas-sigaretti allura kien nieqes sew mill-grad ta' diligenza rikjesta bhala l-kaptan li f'idejh kellu r-responsabilta ta' lanca li ma jindunax bin-numru konsiderevoli ta' sigaretti li kienu mohbija f'post facilment vizibbli u accessibbli.

Il-Qorti wkoll ma tqis bhala fondata s-sottomissjoni illi la darba d-dritt ta' procediment ghar-radd lura tal-vapur jaqa' fuq is-sid, xi hadd awtorizzat minnu jew dak li min ghandu l-vapur ikun gie maqbud skond l-artikolu 72(2) tal-Kap. 37, dan ifisser li l-membru tal-ekwipagg li ikkommetta r-reat li ghalih saret il-konfiska ma jikkwalifikax bhala wiehed mill-persuni awtorizzati beix jitolbu r-ripresa u kwindi billi ma kienx hemm ness bejn dawn il-persuni u l-membru tal-ekwipagg hlief dak kontrattwati, ma jistax jinghad li l-uzu punit sar b'awtorizazzjoni jew konoxxenza tas-sid u ghalhekk taqa' l-prova tax-xjenza tas-sid. Hawn ukoll ir-rikorrenti jonqos li jqis li l-artikolu 68 jimponi il-konfiska ghall-uzu bi xjenza minn kwalsiasi persuna, ta' vapur, biex igorr jew jahbi oggetti sdazjati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-intimat li l-mertu hu ezawrit u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu, tichad it-talbiet ta' Joseph Mary Fenech nomine, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur